**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 612/2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sherona Buhagiar)**

**vs.**

**Raymond Cachia**

Illum, is-6 ta' Gunju 2023

Il Qorti:

Rat li l-pulizija ressqet lil **Raymond Cachia** ta' 59 sena, iben Dominic u Dolores nee' Zammit, imwieled gewwa L-Imtarfa, nhar it- 12 ta' April 1962 u residenti gewwa Binja 21 Ta' Settembru 1964 ENT E, FL 3, Triq il-Qalbiena, San Gwann u detentur tai karta tal-identita` bin-numru 0251162M

U akkuzatu talli talli nhar l-20 ta' Settembru, 2021 ghal habta tal-hinijiet ta' bejn is-07.00hrs u 08.30hrs f'San Gwann, Malta:

l. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' martu Victoria Cachia f'periklu car, volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe` offiza ta' natura gravi fuq l-istess Victoria Cachia, hekk kif iccertifikat minn Dr. Justin Rizzo (Med Reg. 4762);

2. Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lill-martu, u cioe` Victoria Cachia;

3. Ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmijja band'ohra fil-Kodici Kriminali lill-martu, u cioe` Victoria Cachia jew, jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta protezzjoni, inkluza fit-mori tal-kawza kontra Raymond Cachia a beneficju ta' Victoria Cachia u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta;

ll-Qorti giet ukoll mitluba wkoll f'kaz ta' htija, sabiex tipprovdi ghall-persuni ta' Victoria Cachia jew sabiex tinzamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Raymond Cachia billi tapplika l-Artikoli 382A *et seq* tal-Kap 9 tal-Ligijijet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq u, jew torbot lil Raymond Cachia b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 *et seq* tal-Kap 9 tal-Ligijijet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq;

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinflinggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmi Raymond Cachia sabiex ihallas l-ispejjez li

ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tal-22 ta' Settembru 2021 ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Wara li rat li l-Avukat Generali nhar is-16 ta' Mejju 2022 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputat ghandu jigi aggudikat minn din il-Qorti u jinstab hati u cioe[2]:

i Fl-artikoli 41 (1) (a), 214, 215, 216 (1), 222 (l)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

ii Fl-artikoli 214, 215, 221 (1), 222 (l)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

iii Fl- artikolu 339 (l)(d)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

iv Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet Malta;

v Fl-artikoli 15A, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul is-seduta tal-11 ta' Ottubru 2022 din il-Qorti, wara li gew moqrija l-istess artikoli tal-gudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3) (b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputat jekk kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat zmien xieraq biex iwiegeb ghal din il-mistoqsija, wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u l-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' din it-twegiba

[1] Folio 7 ta' l-atti processwali
[2] Folio 155 ta' l-atti processwali

fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u kkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[3]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta;

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha definittivament nhar l-10 ta' Ottubru 2022.[4]

Rat illi d-difiza implicitament ghalqet il-provi taghha nhar is-17 ta' Jannar 2023.[5]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz imur lura ghall-20 ta' Settembru 2021 ghall-habta tat-07:40hrs, fejn l-imputat Raymond Cachia allegatament aggredixxa lil martu l-parte civile Victoria Cachia b'daqqa ta' ras f'wiccha wara li din kienet talbitu xi flus biex

---

[3] Folio 159 ta' l-atti processwali
[4] Folio 159 ta' l-atti processwali
[5] Folio 172 ta' l-atti processwali

tixtri affarijiet ghall-hajja ta' kuljum. Il-konsegwenza ta' din l-allegata aggressjoni, il-parte civile sofriet griehi li filwaqt li inizzjalment gew klassifikati bhala ta' natura gravi, eventwalment deher li kienu fil-fatt ta' natura hafifa.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

**L-Ispettur Sherona Buhagiar[6],** stazzjonat fit-Taqsima Kontra l-Vjolenza Domestika, xehed fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2021. Spjegat li fl-20 ta' Settembru kien dahal rapport mat-Taqsima ta' Kontra l-Vjolenza Domestika mill-parte civile Victoria Cachia li aktar kmieni dakinhar, ghall-habta tat-07:40hrs hija kienet giet aggredita mir-ragel taghha l-imputat Raymond Cachia wara li kienet talbitu xi flus biex tixtri affarijiet ghall-hajja ta' kuljum. Il-parte civile kienet spjegat li hekk kif hija qalet lill-imputat li l-gurnata ta' qabel kien qieghed fil-hanut tal-Izibet, huwa ha rankatura u b'rasu taha daqqa ma snienha. Ix-xhud ezebiet zewg ritratti f'dan ir-rigward li juru s-snin u l-halq.[7] Bid-daqqa hija waqghet mal-art u wegghet ukoll idha u darha. Hekk kif irnexxielha tqum issakkret fil-kamra tas-sodda biex tistkenn u tipprova ccempel ghall-assistenza. Minn naha tieghu l-imputat beda jidghi u jipprova jidhol izda imbaghad telaq mid-dar. Il-parte civile imbaghad irrikorriet fic-Centru tas-Sahha tal-Furjana fliemkien mat-tifla Clara Cachia fejn wara li giet ezaminata mit-Tabib Dr Justin Rizzo, gie ccertifikat li qed issofri minn griehi ta' natura gravi. Il-pare civile

[6] Fol. 30-32 tal-atti processwali;
[7] Dok SB10, Folio 35 ta' l-atti processwali

ziedet tghid li wara l-incident, l-imputat beda jipprova jcempel kemm lilha u kemm lit-tifla izda ma bdewx iwiegbuh. Fuq dan ir-rapport, ix-xhud tat struzzjonijiet ghall-arrest tal-imputat, fejn imbaghad, hadet l-istqarrija tieghu nhar il-21 ta' Settembru 2021 wara li ghazel li jikkonsulta mal-Avukat Dr Patrick Valentino. In kontro-ezami spjegat li waqt l-istqarrija l-imputat kien innega li kien ikkawza l-griehi in kwistjoni fuq martu u qal ukoll li x'hin bdiet targumenta mieghu il-mara kien qed jiehu l-insulina minhabba li huwa dijabetiku u bil-fixkla tghawwget is-siringa bil-konsegwenza li spicca b'ugiegh fil-*groin*.

Ix-xhud regghet hadet il-pedana waqt is-seduta tat-28 ta' Frar 2023[8]. Ikkonfermat li mis-sistema tar-rapporti, hija ma sabet l-ebda rapport ricenti maghmul mill-imputat kontra l-parte civile. L-unika rapport li nstab kien wiehed li jmur lura ghas-sena 2019 maghmul mill-imputat kontra martu u uliedu fl-Ghassa ta' San Giljan.

Fl-istess seduta xehed **it-Tabib Dr Justin Rizzo**[9], adett fic-Centru tas-Sahha tal-Furjana, li gharaf u kkonferma c-certifikat redatt minnu li jinsab ezebit.[10] Huwa kien ezamina lill-*parte civile* Victoria Cachia nhar l-20 ta' Settembru 2021 u sab li kellha *superficial laceration* fin-aha xellugija tal-hanek ta' fuq u *abrasion* hdejn il-minkeb xellugi. Minhabba l-ugiegh li kienet qed thoss Cachia, hija kienet intbaghtet ukoll ghal x-ray u CT-scan izda minn dan ma kienx irrizulta li kien hemm xi ksur frisk. In kontro-ezami ikkonceda li in vista tal-fatt li mill-ezamijiet ulterjuri li saru ma rrizultax ksur, jista' jkun hemm lok li n-natura tal-griehi tigi riklassifikata bhala ta' natura hafifa.

[8] Fol. 173-176 ta' l-atti processwali
[9] Fol. 36-38 ta' l-atti processwali
[10] Dok SB5, Folio 18 ta' l-atti processwali

Il-*parte civile* **Victoria Cachia**[11] xehdet ukoll fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2021. Wara li kkonfermat li l-imputat Raymond Cachia huwa r-ragel taghha, indikat li tixtieq taghti x-xhieda taghha kontra tieghu. Spjegat li fl-20 ta' Settembru 2021 ghall-habta tat-07:45hrs, hija kienet qed tibda l-gurnata normali taghha u hekk kif talbet lir-ragel xi flus sabiex tkun tista' tixtri l-affarijiet tal-hasil, dan qabad jghajjat u imbaghad sabha aljenata, dahal fuqha bir-ras u laqatha ma snienha. Bid-daqqa waqghet ghal darha mal-art u bdiet "*tibki*" bl-ugiegh. Spjegat li ghalkemm mit-testijiet li saru ma rrizultax li kien hemm ksur, kienet ghadha qed tbaghti minn ugiegh kbir f'darha. Stqarret li dan ma kienx l-ewwel incidenza ta' vjolenza minn naha tar-ragel taghha li skont hi, ghandu l-vizzju tal-loghob. In kontro-ezami spjegat li meta sehh l-incident, it-tfal kienu lahqu hargu ghax-xoghol u l-imputat qam ghall-habta tat-07:45hrs ghax ma jahdimx. Ikkonfermat li l-imputat ghandu d-dijabete izda ma joqghodx attent f'dak li jiekol u jixrob. Cahdet li meta inqala' l-argument in kwistjoni l-imputat kien fuq is-sufan jittaqqab bl-insulina u dan ghax huwa solitament jiehu l-insulina fil-kamra tieghu u mhux fuq is-sufan tal-*living room*.

Fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2021 xehdet **Clara Cachia**[12], bint l-imputat u l-parte civile. Spjegat li fil-jum in kwistjoni ghall-habta tat-07:50hrs, hija kienet ix-xoghol u rceviet telefonata minghand ommha fejn din bdiet tibki u qaltilha dwar dak li kien gara u li kienet mugugha hafna. Ftit wara telqet mix-xoghol biex tmur id-dar hdejn ommha izda ma sabithiex hemm ghax kienet ittiehdet id-depot il-Furjana u ghalhekk marret tiltaqa' maghha hemmhekk. Milli qaltilha ommha, missierha kien taha daqqa ta' ras f'halqha u bis-sahha tad-daqqa waqghet ghal darha mal-art u li dan l-argument kien inqala' minhabba l-flus. Ix-xhud imbaghad akkumpanjat lill-ommha fic-Centru tas-Sahha tal-

[11] Fol. 39-46 ta' l-atti processwali
[12] Fol. 52-60 ta' l-atti processwali

Furjana u wara fl-Isptar Mater Dei ghal ezamijiet ulterjuri. B'referenza ghar-ritratti tal-parte civile ezebiti a Fol. 35, ix-xhud ikkonfermat li kienet hi li gibdithom waqt li kienu fic-Centru tas-Sahha tal-Furjana. Spjegat li ommha kienet mara tad-dar filwaqt li missierha l-imputat kien jahdem bhala *self-employed* fil-kostruzzjoni. In kontro-ezami ikkonfermat li l-imputat kien ibaghti mid-diabete u kien jiehu l-insulina. Stqarret ukoll li lil missierha ma tkellmux minhabba '*l-attitudni tieghu'*.

Ix-xhud giet prodotta in kontro-ezami fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2022[13]. Ikkonfermat li hija tirresjiedi f'appartament f'San Gwann flimkien ma ommha u huha u li qabel kien jirresjiedu maghhom ukoll missierha l-imputat. Regghet tenniet li r-relazzjoni taghha ma missierha mhux wahda tajba minhabba l-agir tieghu fil-konfront tal-familja, partikolarment ommha, u cahdet li l-glied maghha kien dwar il-guvni li tohrog mieghu. Qablet madankollu, li missierha ma ghandux grazzja ma dan il-guvni, izda skont hi, dan hu ghax missierha "*m'ghandux grazzja ma kulhadd*". Spjegat li kemm hi u kemm huha jkollhom jghinhom lill-ommhom finanzjarjament ghax l-imputat kull ma jghaddilha €50 fix-xahar. Cahdet li ftit tal-jiem qabel l-incident *de quo* ommha kienet zelqet u waqghet hija u tipprova tizblokka sink.

Fl-istess seduta xehed **PC 941 Ryan Agius**[14], stazzjonat fl-Ghassa ta' San Giljan, li spjega li nhar l-20 ta' Settembru 2021 kien inghata struzzjonijiet sabiex jarresta lill-imputat u fil-fatt hekk ghamel minn San Gwann, biss li qabel ma hadu l-*lock-up* hadu fic-Centru tas-Sahha sabiex jigi nvistat minn Tabib.

[13] Fol. 161-171 ta' l-atti processwali
[14] Fol. 61-62 ta' l-atti processwali

Fis-seduta tat-3 ta' Frar 2022 xehed **It-Tabib Dr Mario Scerri**[15], espert mediko-legali mahtur mill-Qorti, li halef u pprezenta r-relazzjoni[16] tieghu fejn fiha kkonkluda li wara li nvista l-parte civile, ma sabx li kien hemm cikatrici permanenti jew ksur u allura klassifika l-griehi minnha sofferti bhala ta' natura hafifa.

Fl-istess seduta xehdet **It-Tabiba Dr Rebecca Galea**[17], li kkonfermat li nhar l-20 ta' Settembru 2021 kienet invistat lill-imputat Raymond Cachia, fejn dan beda' jilmenta minn ugiegh fil-*groin* tal-lemin iza hija ma sethgetx tikkostata l-ebda feriti, tbengil jew nefha. Gharfet u kkonfermat il-korrettezza tac-certifikat redatt minnha ezebit.[18] Illi dan ic-certifkat gie mahrug nhar il-20 ta' Settembru 2021 ghad-disa' u nofs ta' filghaxija mic-centru tas-sahha ta' Floriana fejn hemm indikat *"mild pain in right groin"* kklasifikat il-griehi bhala hfief. Fin-notamenti hemm ukoll indikat *"No other injuries claimed. No evidence of bruising, swelling or wounds."*

Fl-istess seduta xehdet **PC 2223 Charlene Calleja**[19], stazzjonata fit-Taqsima ta' Kontra l-Vjolenza Domestika, l-ufficjal li hadet ir-rapport dwar l-incidenza in ezami fl-20 ta' Settembru 2021 u ghaddiet biex tinforma lill-Ispettur Sherona Buhagiar. Spjegat li waqt li l-parte civile kienet quddiemha ma setghat tinnota l-ebda griehi vizibbli izda bdiet tilmenta minn ugiegh f'darha.

Fl-istess seduta xehed **PS 750 Terry Mallia**[20], stazzjonat fl-Ghassa tal-Pieta`, li spjega li l-unika involviment li kellu f'dan il-kaz kien li kkomunika ma PC 941 u PC 947 dwar l-eventwali arrest tal-imputat mill-Klabb tal-Bocci ta' San

[15] Fol. 72-73 ta' l-atti processwali
[16] Dok MS1, Folio 74-81 ta' l-atti processwali
[17] Fol. 104-107 ta' l-atti processwali
[18] Dok SB4, Folio 17 ta' l-atti processwali
[19] Fol. 108-114 ta' l-atti processwali
[20] Fol. 146-149 ta' l-atti processwali

Gwann. Minn naha tieghu, **PC 947 Noel Aquilina**[21] xehed ukoll fl-istess seduta u kkonferma li kien assista fl-arrest tal-imputat mill-Klabb tal-Bocci ta' San Gwann nhar l-20 ta' Settembru 2021 filghaxija. Spjega ulterjorment li qabel ma hadu lill-imputat fil-lock-up, kienu haduh fic-Centru tas-Sahha tal-Furjana sabiex jigi ezaminat.

Fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2022 xehed **it-Tabib Dr Adrian Fenech**[22] li spjega li nhar il-21ta' Settembru 2021 kien invista lill-imputat, li ngieb mill-*lock up* minn PS 2261 u PC 2381 minhabba li dan beda jesprimi hsibijiet suwicidali. Ikkonferma li wara li tkellem mal-imputat huwa stess, dan rega' esprima dawn il-hsibijiet u ghalhekk, wara li kkonsulta mal-Psikjatra tal-Ghassa, gie deciz illi l-imputat jigi trasferit ghall-Isptar Monte Carmeli sabiex isir assessjar aktar formali. In kontro-ezami iccara li huwa kien ghamel assessjar fuq il-kundizzjoni mentali tal-imputat u ma ghamel l-ebda ezami dwar griehi *o meno* ghajr li ccekkjalu l-livell taz-zokkor, li rrizulta li kien entro parametri normali.

Fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2022 xehdet **PS 2261 Donna Frendo Magro**[23]**,** stazzjonata fit-Taqsima ta' Kontra l-Vjolenza Domestika, li stqarret li nhar il-21 ta' Settembru 2021, hija kienet prezenti personalment waqt li l-imputat ta l-verzjoni tieghu lill-Ispettur Sherona Buhagiar wara li ghazel li jikkonsulta ma avukat tal-fiducja tieghu Dr Patrick Valenino. Ix-xhud elaborat li hekk kif kienet qed takkumpanja lill-imputat lura fil-*lock up*, dan kien qal li jekk kien ser imur il-habs, kien sejjer inehhi hajtu b'idejh u ghalhekk, referiet din l-affari lill-Ispettur Buhagiar u fil-fatt l-imputat gie skortat lejn ic-Centru tas-Sahha tal-Furjana.

[21] Fol. 117-119 ta' l-atti processwali
[22] Fol. 124-132 ta' l-atti processwali
[23] Fol. 133-135 ta' l-atti processwali

Fl-istess seduta xehdet **PS 2256 Lianne Sant[24],** stazzjonata fit-Taqsima ta' Kontra l-Vjolenza Domestika, li spjegat li l-involviment taghha fl-investigazzjonijiet dwar il-kaz odjern kienu limitati ghall-verifika mal-Isptar Monte Carmeli sabiex jigi kkonfermat fejn kien qed jinzamm l-imputat ghall-fini ta' aggornar tar-rapport li rega gie ezebit.[25]

Fl-istess seduta xehed **PC 217 Shaun Kitcher[26],** stazzjonat fl-Ghassa ta' San Giljan, li spjega li nhar il-21 ta' Settembru 2021 huwa kien skorta lill-imputat Raymond Cachia mic-Centru tas-Sahha tal-Furjana sal-Isptar Monte Carmeli.

Fl-istess seduta xehdet **it-Tabiba Dr Giulia Stingaro[27],** stazzjonata fid-Dipartiment al-emergenza tal-Isptar Mater Dei. Spjegat li hija kienet analizzat l-immagini CT Scan relattivi ghall-parte civile Victoria Cachia[28], fejn fil-fatt kien irrizulta li ma kienx hemm ksur u l-pazjenta kienet giet licenzjata.

Fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2023 xehed minn rajh **l-imputat Raymond Cachia[29]**. Spjega li fil-prezent allontana mid-dar matrimonjali u li l-aktar problema li kellu qabel ma telaq kienu minhabba li bintu Clara Cachia kienet qed tohrog ma guvni li huwa qies mhux idoneju u ghalhekk, ma riedx li ddahhlu d-dar. B'referenza ghall-incident de quo, stqarr li ghall-habta tas-07:00hrs, kien fil-kcina bil-wieqfa u kien ser jittaqqab bl-insulina f'koxxtu. Il-parte civile staqsietu jekk kellux hwejjeg ghall-hasil u hekk kif dawwar rasu, laqatha hdejn sidirha u waqghet ghal fuq is-sufan u dak il-hin, il-labra tas-siringa tghawwget f'koxxtu. Minn naha taghha, l-parte civile bdiet tghajjat li kien qed isawwatha. Halef li

[24] Fol. 136-137 ta' l-atti processwali
[25] Dok LS1, Folio 138-144 ta' l-atti processwali
[26] Fol. 148-149 ta' l-atti processwali
[27] Fol. 145-147 ta' l-atti processwali
[28] Dok SB6, Folio 19 ta' l-atti processwali
[29] Fol. 180-201 ta' l-atti processwali

jekk laqat lill-parte civile dan kien bi zball u ma kellu l-ebda intenzjoni li jaghmel dan.

In kontro-ezami innega li l-incident de quo kien sehh wara argument fuq il-flus ma martu u sostna li kull nhar ta' sibt kien ihallilha €50 ghax-xiri. Innega ukoll li kellu vizzju tal-loghob u sostna li l-unici drabi li kien johrog wahdu kien meta l-mara tfixklu milli jara l-loghob tal-futbol fuq it-TV. Sostna li gholla rasu f'daqqa u laqatha ghax hi giet tferfer ix-xorts ma wiccu u hasditu, partikolarment minhabba li kellu l-labra tal-insulina f'koxxtu.

**Ikkunsidrat**

**Provi li tressqu**

Il-prosekuzzjoni esebit okkorenza bir-referenza GHQ/GBDV/1274/2021.[30] Illi minn din il-okkorenza irrizulta li nhar il-20 ta' Settembru 2021 gie rapportat gewwa s-sezzjoni tal-vjolenza domestika mill-parte civile u bintha l-incident kontra l-imputat li kien agrediha fizikament u ikkagunalha griehi gravi. Illi mir-rapport irrizulta li fil-passat kellhom incident relatati mal-qrati fejn kienet hafritlu kif ukoll li biz-zmien kien zviluppa vizzju tal-loghob u b'hekk ma kienx ikollu flus x'jaghtiha.

Illi dakinnhar ta' l-incident, il-parte civile kienet talbet lill-imputat ghall-flus sabiex tixtri l-bzonnijiet tal-hajja ta' kuljum izda hu beda jirrabja maghha u qalilha sabiex thallih bi kwietu u inbeda argumenta tali kien uza l-flus ghal-loghob. Ir-rapport ikompli billi jghid:

*"Victoria stqarret li waqt li bdiet tgerger mieghu Raymond saba aljenata fejn ta rankatura lejha u b'rasu stess taghha daqqa fi sniena fejn bid-daqqa ghelbet ghal tulha*

[30] Dok SB3, Folio 12-16 ta' l-atti processswali

*fl-art bil-konsegwenza li weggat il-minkeb kif wkoll darha. Victoria stqarret li hi pruvat tqum min mal-art bil-mod minhabba l-ugigh li bdiet thoss waqt li Raymond kompla jghajjat maghha fejn qalilha li kienet qieghda taqbad mieghu. Victoria spjegat li wara li rnexxiela tqum mil-art marret fil-gallerija fejn cemplet l-ghassa ta' San Giljan u infurmathom dak li kien qieghed jigri, fejn wara marret fil-kamra tas-sodda u Raymond beda jipprova jidhol hdejha izda ma halitux u sakret il-bieb."*[31]

Mil-provi prodotti jirrizulta li l-istqarrija[32] ta' l-imputat ittiehdet nhar il-21 ta' Settembru 2021 u cioe l-ghadha ta' l-incident fil-prezenza ta' l-Ispettur Sherona Buhagiar, PS2261 Donna Frendo u PC2382 Jessica Bondin u dan wara li kien inghata s-soliti twissija ta' xiex gie investigat u wara li nghatalu d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni kif ukoll li jkun prezenti waqt l-interogazzjoni u ghazel li jikkonsulta ma l-avukat Dr. Patrick Valentino.

Illi wara li l-imputat inghata il-jedd li qabel ma issirilu xi investigazzjoni jithalla, kemm jista jkun malajr, jitkellem privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wicc imbwicc jew bit-telefon ghall mhux aktar minn siegha zmien, jew fil-prezenza tal-avukat waqt l-interrogazzjoni innifisha, iddikjara li ser jezercita dan id-dritt kif fil-fatt ghamel.

Illi l-istqarrija ta' l-imputat saret b'mod awdiovizwali u wiegeb ghad-domandi li sarulu.

Illi mill-istqarrija ta' l-imputat jirrizulta li l-imputat ma kienx qed jaqbel ma martu u t-tfal tieghu minhabba diversi incidenti u stejjer li kienu inqalghu fil-familja l-ahhar sena. Wahda mill-iktar kwistjoniet li kienet qed iggib il-firda fil-familja kienet dwar il-flus sabiex jghixu.

---

[31] Folio 14-15 ta' l-atti processwali

[32] Dok KV, Folios 83-103 ta' l-atti processwali

Fl-istqarrija l-imputat jinnega li ghandu vizzju tal-loghob u r-raguni ghalfejn kien qed jattendi stabbilimenti tal-loghob kien minhabba ghaliex ma thalliex jara t-televixin.

Dwar l-incident jinnega li hu qatt ghamlilha xi haga. Muri r-ritratti ta'martu jispejga li dawn il-griehi graw ghaliex hi kienet zelqet fl-actu gurnata qabel. Dwar dak li gara bejniethom jispjega

*"Le le ma kien hemm xejn. Le ma kienx hemm, jien qieghed rasi l'isfel qed naghti l-insulina ghax nohodha hekk, giet mal-qalziet, qas indunajt jien li giet mieghi, ghidtilha arem qed naghti l-insulina, u ghollejt rasi u giet hekk ghal mas-sufan, dik li gara. Mhux veru xejn, mhux veru xejn, u jien l-insulina bdejt nghajat ghax tawgitli l-labra go fija hekk. Anzi ma nqasmitx. Mhux veru xejn."*[33]

....

*"Jien ghollejt rasi x'hin giet ma' wicci. Xejn u marret fuq is-sufan, ma hadtilix qliezet minn idejha jien.*

*Iva lqatta lilha hawnhekk jiena. Iva lqatta hawnhekk lilha qed nghidlek il-verita' qed nghidlek ilqatta hawn lilha imma mhux mort biex niggieled maghha ta jien, jien kont qed niehu l-insulina."*

Meta kien ikkonfrontat dwar il-griehi ta' wiccha u kif graw stqarr *"Hi taf kif ghamlithom. Hi taf kif ghamlithom."*

L-imputat spjega li martu waqghet magenb is-sufan u mhux ma l-art u giet nofsha mas-sufan. Fil-fatt qamet u kompliet tonxor il-hwejjeg u wara qabdet u cemplet lill-pulizija. Ghar-rigward li ma baqax jahdem il-modem ta' l-internet jispjega li r-raguni hija ghaliex waqghet il-batterija u mhux ghax tfiegh.

---

[33] Folio 96 ta' l-atti processwali

Ghar-rigward il-griehi li sofra hu jispjega li meta hi giet hdejh ma wiccu tghawgitlu l-labra go fih.

*"Jien qieghed hekk nitaqqab u giet mall-ewwel fuqi, jien ghollejt rasi ghidtilha arem qed nitaqqab, pup u daret. U daret. Dik labra rqiqa nurihielek qeghdin isfel."*[34]

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija**

Jirrizulta li l-istqarrija[35] ta' l-imputat ittiehdet nhar il-21 ta' Settembru 2021 quddiem l-Ispettur Sherona Buhagiar fil-prezenza ta' PS 2261 Donna Frendo u PC 2382 Jessica Bondin u dan wara li kien inghata s-soliti twissijiet u ghazel li jikkonsulta mal-Avukat Dr Patrick Valentino. F'din l-istqarrija, l-imputat wieged ghad domandi maghmula lilu u b'referenza ghall-incident in kwistjoni, innega li kien aggredixxa lill-martu apposta izda sahaq li kien laqatha bi zball meta din marret hdejh tilletika fuq qalziet waqt li kien qed jittaqqab bl-insulina. Stqarr ukoll li jekk martu kellha darha qed jughaghha, dan kien minhabba li kienet waqghet il-gimgha ta' qabel waqt li kienet qed tipprova tiftah sink mizdud tal-kamra tal-banju.

**Ikkunsidrat**

Illi mil-provi li tressqu jirrizulta li dan kien incident ta' natura ta' vjolenza domestika bejn l-imputat u martu fejn martu spiccat bi griehi hfief. Illi mil-provi jirrizulta li gara incident gewwa r-residenza tal-kopja nhar il-20 ta' Settembru 2021. Illi irirzulta li l-parte civile, Victoria Cachia spicca bi griehi go halqha u darha meta allegat li l-imputat aggrediha apposta minhabba ghaliex talbitu ghal flus.

---

[34] Folio 102 ta' l-atti processwali

[35] Fol. 83-103 ta' l-atti processwali

Minn naħa tiegħu l-imputat innega dan u stqarr li ma jafx kif ġraw il-ġrieħi ta' martu, u seta biss jikkonferma li ġurnata qabel kienet waqgħet martu. L-imputat itenni li kienet hi li għamlet għalih u saħansitra ġiet fuq is-sufan.

Illi għalhekk jirriżulta li hemm ċertu partijiet minn narrattiva taż-żewġ verżjonijiet li ma jaqblux.

Il-Qorti kellha l-benefiċċju li tisma wkoll li binthom Clara Cachia. It-tifla tagħhom tista tiġi kkunsidrata bħala xhud newtrali għat-tnejn tenut kont tar-relazzjoni li għandha magħhom bħala binthom. Filwaqt li tikkonferma li missierha ma kellux grazzja ma l-għarus tagħha, ix-xhud tikkonferma wkoll li ma tantx kienet tkellem lil missierha minħabba l-attitudni tiegħu.

Fiż-żmien ta' l-inċident hi kienet tgħix id-dar u setgħet tikkonferma li għal kuntrarju ta' dak li qal missierha fuq ommha, ommha Victoria Cachia ma kienitx waqgħet u qegħet f'xi ġurnata qabel l-inċident u li ma kellha ebda ġrieħi jew inċidenti oħra qabel dak in-nhar. Fil-fatt meta ommha ċemplitilha dakinnhar ma l-ewwel qaltilha li missierha kien aggrediha u assistita tiehu l-kura neċessarja.

Din il-Qorti m'għandiex għaliex tiddubita x-xhieda ta' Clara Cachia u ukoll iżid li mix-xhieda ta' Victoria Cachia ma sabitx u rat xi inkonsistenzi partikolari. Minn naħa l-oħra, din il-Qorti tqis il-verżjoni ta' l-imputat bħala dubjuża u dan anke meta qiset il-fatt li kellha l-opportunita li tisimgħu viva voce.

Il-Qorti meta evalwat il-provi kollha tal-prosekuzzjoni inkluż dawk dokumentarji bħaċ-ċertifikati tat-tobba u x-xhieda li semgħet tqis li l-ewwel imputazzjoni ġie sodisdaċentement ippruvat.

Madankollu mill-provi kollha ma rriżulta li l-imputat insulenta, hedded jew inġurija bi kliem jew b'mod ieħor lill-martu u lanqas li għamel inġurji jew

theddid mhux imsemmija band'ohra fil-kodici kriminali lill-martu u ghal ghalhekk ta' dawn iz-zewg imputazzjonijiet ghandu jigi liberat minn kull htija jew konsegwenza.

**Ikkunsidrat**

Illi ghal-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

-Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputat.[36] Il-fedina penali ta' l-imputat ghalkemm mhiex netta ma fiha xejn alarmanti u ma hemmx registrati sentenzi relatati mal-generu tal-imputazzjoni in ezami.

- Jidher li llum l-imputat allontana mid-dar matrimonjali u ghalhekk, ir-riskju ta' incidenzi simili tnaqqas.

- Illi dan l-incident sar fuq il-mara ta' l-imputat u ghaldaqstant il-piena ghandha tizdied bi grad skont l-artikolu 222(1)(a) tal-Kodici Kriminali li biha jaghmel referenza ghall-artikolu 202(h) tal-Kodici Kriminali.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 15A; 31; 41(1)(a); 214; 215; 216(1), 222(l)(a); 339(1)(d)(e); 382A, 383, 384, 385, 386, 412C; 412D; 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil Raymond Cachia **hati** ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih filwaqt li tiddikjarah **mhux hati** tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet dedotti kontrih u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mill-lum skont l-artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

[36] Dok SB2, Folio 10-11 ta' l-atti processwali

Il-Qorti fisret is-sentenza lil hati skont l-artikolu 22(3) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali, sabiex tipprovdi ghaz-zamma tal-Ordni Pubbliku, u b'zieda mal-piena kif hawn fuq inghad, torbot lill-hati ghal perjodu ta' sena (1) mill-lum taht penali ta' elf euro (€1,000).

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 382A tal-Kodici Kriminali tordna l-hrug ta' **Ordni ta' Trazzin** kontra l-hati a favur ta' Victoria Cachia ghal perjodu ta' sentejn mid-data tar-remissjoni tal-piena u li ghandha taghti effett ghal kull ma hemm imsemmi fl-artikolu 412C(3)(6)(8)-(11) tal-Kodici Kriminali li ghandhom japplikaw *mutatis mutandis.*

Komunika: Kummissarju tal-Pulizija

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta htija, minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lil hati Raymond Cachia ihallas lir-Registratur tal-Qorti l-ispejjez tal-esperti mahtura fis-somma komplessiva ta' tlett mija, sitta u tlettin Ewro u tmenin centezmi (€ **336.80**) u cioe' l-ispejjez hawn taht elenkati:

- Espert tabib Dr. Mario Scerri fl-ammont ta' mitejn, hamsa u sebghin Euro u hamsin centezmu (€275.50).[37]
- Dr. Katya Vassallo fl-ammont ta' wiehed u sittin Euro u tlettin centezmi (€61.30).[38]

[37] Folio 81 ta' l-atti processwali
[38] Folio 103 fuq wara

**Moghtija illum nhar is-6 ta' Gunju 2023 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**